## STEDINA GĦAL IRTIR BIL-MIXI – NIMXU W NITOLBU

"EJJEW INTOM WAĦEDKOM F'POST IMWARRAB U STRIEĦU FTIT" (MK 6:30)

**Nhar Il-Ħadd 12 ta' Marzu 2023 ser isir Irtir qasir bil-mixi.**

**Fr Jimmy Bonnici jeħodna sa Selmun, jispjegalna ftit mill-istorja tal-post u jgħinna nitolbu fuq dak li naraw quddiemna.** Niltaqgħu ħdejn il-Knisja tal-Iklin fis-2.30 pm biex immorru Selmun bit-trasport tal-Parroċċa. Niġu lura l-Iklin fil-5.00 pm. Janima: Dun Jimmy Bonnici

Ħlas għat-trasport: €2 kull persuna. Jekk ħalli envelope bl-ismijiet / isem ta' min ġej u numru tal-mowbajl flimkien ma' €2 kull persuna fil-letterbox tall-parroċċa sa nhar il-Ħamis 9 ta' Marzu 2023 fis-6.00 pm. Grazzi ferm.

## KORS TA' 'PARENTAL SKILLS'

It-Tlieta 14, 21, 28 ta' Marzu u 11 t' April mis-6.30pm sa 8.00 pm fis-Sala Parrokkjali, l-Iklin
**Dawn il-laqgħat huma forma ta' power point presentations u diskussjoni mibnija fuq it tagħlim ta' Alfred Adler, imexxi Nicholas Cauchi (Nikol) Dip. Guid.& Counselling, Ex - A/Head of School**

Il-Laqgħat huma: **1. Tipi ta' tmexxija tal- familja; 2. Komunikazzjoni - Koperazzjoni 3. Responsabilità; 4.Alkohol u Drogi; 5. Uliedna u s-Sesswalità tagħhom**

Prezz €15 kull persuna. Ikun hemm servizz ta' child minding.

Postijiet limitati. Bookings billi timla l-Google Form u tħalli l-flus fil-letterbox tal-parroċċa b'ismek u kunjomok sal-Ħadd 5 ta' Marzu 2023. Grazzi.

## PELLEGRINAĠĠ GĦAR-REDENTUR TAL-ISLA

Nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu 2023 ser isir pellegrinaġġ għar-Redentur tal-Isla. Nitilqu mill-Iklin fid-9.15 am. Tiġi ċċelebrata quddiesa fl-10 am u wara kafe' fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Kalkara. Prezz €13. Biljetti minngħand Rita Pulis u Doris Salomone

## SEMINARS GĦALL-ĠENITURI U T-TFAL

Il-Ħadd 5 ta' Marzu 2023; tfal fis-snin 5, 6 u 7 bejn l-9.20am u l-11am

**Għall-ġenituri: L-edukazzjoni nisranija ta' wliedna**
Kelliem: Dun Carl Mario Sultana, Delegat għall-Edukazzjoni Reliġjuża tal-Konferenza Episkopali Maltija.

**Għat-tfal: Il-fidi f'Ġesù li qed nittrabba fiha hi mportanti għalija? Kuntent li jien nisrani/ja? Jew nisthi ngħid li nħobb lil Ġesù?**
Kelliema: Sr Anna Sammut ASGM, Soru Agostinjana servi ta' Ġesu' u Marija u koordinatriċi djoċesana għal pastorali mat-tfal.

Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302
**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org

PARROĊĊA
*Familja Mqaddsa*
L-IKLIN



# Il-Miġemgħa

MARZU 2023
**ĦARĠA 228**

LEHEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA

KINDLY SUPPORTED BY JB STORES

## Randan Qaddis

Dan ix-xahar kollu ta' Marzu niċċelebraw ir-Randan Imqaddes. Nistedinkom biex niċċelebrawh b'mod li jogħġob lil Alla. L-Ewkaristija u s-smiegħ tal-Kelma t'Alla għandhom ikunu prijorita tul kull ġurnata tar-Randan Imqaddes.

Dawn il-ftit ħsibijiet dwar is-sawm mill-Papa Franġisku jafu jgħinuna biex nogħġbu lil Alla.

Sum milli tgħid Kliem li Jweġġa' u minflok għid Kliem Ġentili.
Sum min-Niket u mtela bil-Gratitudni.
Sum mir-Rabja u mtela bil-Paċenzja.
Sum mill-Pessimiżmu u mtela bit-Tama.
Sum mill-Ħsibijiet ta' Ansjeta' u mtela bil-Fiduċja f'Alla.
Sum mill-Ilmenti u kkontempla s-Sempliċità.
Sum mill-Ġenn tal-Ħajja u fittex it-Talb.
Sum mill-Ħruxija tal-qalb u imla qalbek bil-Ferħ.
Sum mill-Egoiżimu u uri Ħniena mal-oħrajn.
Sum mill-Mibegħda u fittex il-Ħbiberija.
Sum mill-Kliem u fittex is-Skiet sabiex tkun tista' tisma' lill-oħrajn.

Is-sliem
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

## EŻERĊIZZI TAR-RANDAN
### Nisimgħu il-Kelma t'Alla waqt ir-Randan Imqaddes 2023

**Eżerċizzi għal kulħadd – Sibtijiet 4, 11, 18, 25 ta' Marzu u 1 t' April 2023 fis-6.45 pm**
Wara l-quddiesa tas-6pm fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt Sibt tar-Randan
Predikatur: Mons Anton Portelli, Direttur tad-Dar tal-Kleru f'Birkirkara.

**Eżerċizzi bl-Ingliż – Tnejn 3, Tlieta 4 u Erbgħa 5 t'April mis-7.30 pm sat-8.00 pm**
It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa
Predikatur: Dun Keith Bonniċi, Kappillan tal-Parroċċa Familja Mqaddsa tal-Iklin.

**Eżerċizzi għal miżżewgin**
Mit-Tnejn 20, sal-Ġimgħa 24 ta' Marzu, fis-6.40pm (wara l-quddiesa tas-6.15pm)
Predikatur: Dun Anton Cassar, l- Arċipriet ta' Bormla.

## TBERIK U ŻJAJJAR TAL-FAMILJI
MILL-4.30 P.M. – 7.30 P.M. FIL-ĠIMGĦAT LI ĠEJJIN

**Il-Ġimgħa 3 ta' Marzu: Triq Karmenu Vassallo u Greenvale Apartments**
**Il-Ġimgħa 10 ta' Marzu: Triq Ġużeppi Calleja, Dwardu Cachia, Ċitru**
**Il-Ġimgħa 17 ta' Marzu: Triq Patri Anastasju Cuschieri, Richard Taylor, May Butcher u Pawlu Grech**
**Il-Ġimgħa 24 ta' Marzu: Triq Alfons Maria Galea u Triq Ġwann Galea**

## JUM ID-DULURI FL-IKLIN
Il-Ġimgħa 31 ta' Marzu – Jum id-Duluri tal-Madonna - Quddies: 6.45 am, 8.30 am u 5.30 pm



## MILL-PROGRAMM TAS-SENA KATEKETIKA GĦAT-TFAL 2023

**Il-Ħamis 2 ta' Marzu fl-4.30 pm**
Tfal ta' Sena 3 Prayer Spaces ma' Dr Veronica

**Il-Ħamis 9 ta' Marzu fl-4.30 pm**
Tfal ta' sena 5 Prayer Spaces ma' Dr Veronica
Tfal ta' Snin 6 u 7 Praying the Bible ma' Claire u Karl Spiteri

**Il-Ħamis 16 ta' Marzu fl-4.30 pm**
Tfal ta' Sena 6 Prayer Spaces ma' Dr Veronica

**Il-Ħamis 23 ta' Marzu fl-4.30 pm**
Tfal ta' sena 4 Prayer Spaces ma' Dr Veronica
Tfal ta' Snin 2 u 3 Praying the Bible ma' Claire u Karl Spiteri

**Eżerċizzi għat-tfal żgħar (Snin 2, 3 u 4)**
Il-Ħamisijiet 16 u 20 ta' Marzu, bejn l-4.30pm u l-5.15pm
**Predikatur: Glenn Mercieca, magician u leader fil-Kummissjoni Djoċesana Tfal u jaħdem fl-uffiċċju tal-pastorali mal-Lajċi fil-Kurja Arċiveskovili.**

**Eżerċizzi għat-tfal kbar (Snin 5, 6 u 7)**
Il-Ħamisijiet 23 u 27 ta' Marzu, bejn l-4.30pm u l-5.15pm
**Predikatur: Dun Osmar Baldacchino, Viċi Kappillan tal-Parroċċa Marija Immakulata tal-Ibraġ.**

## ĦIN TAL-QUDDIES
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Quddies fis-6:45 am, u fis-6:15 pm

Il-Ħamis u l-Ġimgħa fit-8.30 a.m.

Nhar ta' Sibt: Quddies fis-6:45 am, fit-8:30 am, fis-6:00 pm u fit-7.45 pm
Nhar ta' Ħadd: Quddies fit-8:30 am, fl-10:00 am, fil-11:15 am, u fis-6:00 pm

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI
KAPPILLAN: Is-Sibt 7.10 a.m. sa 10.30 a.m.

## ĦIN TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL
It-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4.30 p.m. u l-5.15 p.m. fil-ġranet tal-iskejjel tal-Istat

## ĦINIJIET OĦRA
Qrar:
Qabel kull Quddiesa tal-obbligu u tal-Ħadd

Tqarbin tal-Morda:
Kull jum tal-ġimgħa filgħodu b'appuntament wara li ssir talba lill-Kappillan

Adorazzjoni Ewkaristika:
fis-skiet il-Ħamis mis-6 am sas-6 pm

Via Sagra:
kull nhar ta' Ġimgħa fis-5.55p.m.

Ružarju:
Ružarju kuljum għoxrin minuta qabel il-quddiesa ta' filgħaxija minbarra nhar ta' Ġimgħa.